MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 381/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Bartolo)**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Louis Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat Louis Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 319068 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

F'xi ħin matul il-perjodu ta' bejn in-00.30 ta' filgħodu u s-6.00 ta' filgħodu tas-6 ta' Ottubru 2003, waqt li kien fil-Belt, Valletta, kkommetta serq ta' oġġetti u ċioe` flus, xorb alkoħoliku u affarijiet oħra fosthom "lighters" b'emblema partikolari kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija (€2329.38) , bil-ħin, kif ukoll bil-mezz għad-detriment ta' Carmelo Debattista mill-Belt, Valletta u/jew persuni oħra;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara li ma tiskorrix il-valur ta' ħames mitt Lira Maltija(€1164.69) imma iżjed minn ħamsin lira Maltija, (€116.47) saret għad-detriment ta' Carmelo Debattista mill-Belt, Valletta u/jew persuni oħra;

Talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li nstab ħati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru, 2011, li biha, ma sabitx lill-appellat mhux ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tieghu u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fis-7 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati ta' l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Il-Qorti ma messitx skartat l-istqarrijiet tal-imputat 'għax dawn ma ġewx iffirmati mill-imputat u għaxx kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Hawn l-Avukat Ġenerali rrefera għall-artikolu 658 tal-Kap 9 li mkien ma jirrikjedi xi firma tal-imputat. Meta xehd l-appellant huwa kkonferma l-istqarrija kważi kollha kemm hi. Imbarra dan, l-istqarrijiet ittieħdu b'mod volontarju u fihom l-imputat ċaħad kollox. Kienet l-impronta diġitali li

nstabet fuq il-post li rabtet kollox mal-imputat. Din isntabet fuq il-kaxxa tal-metall li kienet wara l-bar. Skont Nathalie Zahra, l-espert maħtur fl-inkjesta, il-marka li tidher fuq il-lifter 03 CPT 301 taqbel mal-marka tal-pala tal-id ix-xellugia ta' Louis Mallia. (fol 63). Ma hu veru xejn li z-zona ta' wara l-bar fejn ikun hemm, per eżempju, l-cash register huwa post liberament aċċessibbli għall-pubbliku fejn persuni jistgħu jidħlu u jagħmlu li jridu. Fil-kors tal-ħajja n-nies ma joqogħdux ibagħbsu u jmissu kaxxi li jkunu wara l-bar beix isarrfu lira. L-appellat ma kellux xi permess speċjali li jmur wara l-bar.

Kien ampjament ippruvat li l-appellat ma kienx imur fil-bar regolarment u inqas u inqas ma kellu xi permess speċjali li jmur wara l-bar. Sid il-bar xehed li l-imputat qatt ma kien mar il-klabb. Il-verżjoni li ta l-appellant quddiem l-ewwel qorti hija inkredibbli meta qal li mar il-ħanut u talab lil sid il-ħanut biex isarraflu lira. Huwa inverosimili li wieħed joqgħod ibagħbas kaxxi li jkunu wara l-bar meta s-sid tal-Kalbb stess jgħid li lill-appellat qatt ma rah fil-ħanut. Meta kellmuh l-Ispettur Ramon Mercieca u s-Supretendent Carmelo Bartolo , l-appellat ma jsemmi xejn minn dawn id-dettalji. Ix-xhud tad-difiża huwa manifestament inkonsistenti fix-xhieda tiegħu. (fol 137 tal-proċess). Ix-xhieda tal-appellant bl-ebda mod ma ġiet korroborata minn Joseph Camilleri.

Ikkonsidrat

Dan l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa dwar apprezzament ta' fatti magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Il-prattika tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'appelli bħal dawn hija li ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din il-Qorti setgħet tasal għal din il-konklużjoni legalment u raġjonevolment. Filfatt fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg' tas-17 ta' Settembru 2008, Appell Kriminali 27/2008 preseduta mill-Imħallef l-Onor Dr Joseph Galea Debono intqal hekk:

'Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw prinċipalment l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Illi

trattandosi ta’ apprezzament tal-fatti, hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-każ ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinetx ragjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konklużjoni (ara f’dan issens *“inter alia”* l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs.Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi“** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs.Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; **“Il-Pulizija vs.Anthony Zammit”** [31.5.1991] u oħrajn .)’

Mill-eżami tal-proċess jirriżulta dan li ġej.

Skont l-Ispettru Ramon Mercieca, fis-7 t’Ottubru 2003 is-sur Carmelo Debattista, il-barman u sid tal-Ispurs Supporters Club fi Triq San Federiku l-Belt, kien irrapporta li sab Lm400 neqsin li kienu sitwati f’diversi postijiet wara l-bar, fil-cash register, till box, f’xi važett, minn coin telephone box kif ukoll ammon ta’ spirti. Kienhemm ukoll ħsarat fil-lock tal-bieb, fil-cash register u fit-telephone minn fejn insterqu l-flus. Barra minn dawn l-affarijiet kienu nstabu nieqsa żewġ lighters bl-arma tat-Tottenham Hotspurs fuqhom. Waħda minn dawn il-lighters instabet f’numru 25 Tower Road, Sliema iżda sis il-ħanut ma għarafx il-persuna li kienet bigħetlu ż-żewġ lighters għalkemm qal li l-persuna kienet ta’ eta’ pjuttost żgħira.

Saru tfittxijiet f'żewġ postijiet iżda t-tfittxijiet taw riżultat negattiv. Biss tħat is-sodda ta' Louis Mallia kienet instabet crow bar li qal li biha kien isewwi xi ħaġa.

Permezz ta' telefonata anonima kien mgħarraf li kien intlemaħ ċertu Louis Mallia ħiereġ minn fuqil-post u f'idu kellu basket u x'aktarx kellu fliexken li kienu nsterqu. Louis Mallia kein qallu li kien ilu li mar f'dan il-klabb minn xi erbat ijiem qabel ma sar ir-rapport tas-serqa. Hemm kien għamel telefonata u ma kienx daħal wara l-bar. Wara nstabu l-fingerprints tiegħu. Fit-tieni stqarrija l-appellat kien qal li kien mar lejlet li kienet twettqet l-istqarrija.

L-imputat (appellat) ma kienx iffirma l-istqarrija tas-7 t'Ottubru 2003. Huwa qal li kien daħal fil-klabb imsemmi, għamel telefonata u ħa flixkun Coca Cola. Huwa qal li ma kienx daħal wara l-bar għax hemmhekk ma tistax tidħol (fol 15). Huwa qal ukoll li l-crow bar kien użaha biex isewwi xi twieqi. Huwa nnega li kien wettaq is-serqa fil-bar imsemmi.

L-imputat (appellat) ma ffirmax it-tieni stqarrija (fol 17). Ir-risposti f'din l-istqarrija huma jew 'Ma weġibx' jew 'Ma niftakarx' jew 'Ngħid li dan mhux veru.'

Fil-kontro-eżami (a fol 71), huwa qal li kien sejjaħ inkjesta għal xi s-sitta ta' filgħodu. L-appellat kien qallu li qatt ma kien daħal f'dak il-post u li ma kellux għalfejn jdiħol wara l-bar. Is-sinjura Josephine Farrugia kienet ikkonfermatlu li l-appellat kien għadda l-lejl ġewwa. Il-post kien ingħalaq ben in-nofs siegħa ta' filgħodu (oo:30am) u s-sitta ta' filgħodu. Huwa ma kienx sab xorb u lanqas basktijiet kbra fil-fond fejn nkien qed jabita l-appellat.

L-Ispettur Carmelo Bartolo xehed li kien sar proċess verbal addizzjonali fen ittieħdu l-impronti diġitali tal-appellat u dawn ikkombaċċaw ma' xi lifters li kienu ġew elevati mill-post tad-delitt. Is-Sur Julian Bonello, li kellu wħadu mil-lighters, ma kien għaraf ebda persuna bħala dik li marret tbigħ il-lighter għandu. L-appellat baqa'

jiċħad li daħal wara l-bank ukoll wara li kien mgħarraf bl-impronti diġitali tiegħu. Il-propjetaru tal-klabb kien ikkonfrmalu li l-appellat kien daħal fil-ħanut u li kien daħal fil-ġranet meta seħħet is-serqa u dan għamlu biex iċempel. Huwa nnega li l-appellat kien daħal wara l-bar.

Mill-proces-verbal jirriżulta li s-serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur (għax dak li nsteraq huwa ‘l fuq minn Lm587.50) u bil-ħin. A fol 63 tal-proces-verbal insibu hekk:

**‘Illi l-marka li tidher fuq il-lifter 03 CPT 301 taqbel mal-marka tal-pala tal-id ix-xellugija ta’ Louis Mallia, detentur tal-karta tal-identita’ 319068(M).’**

Xehed ukoll is-sur Debattista li filgħodu kien sab il-bieb żgassat u l-katnazzi mkissrin. Dan ikkonferma l-lista tal-affarijiet li nsterqulu kif ukoll li waħda mil-lighters bl-emblema speċjali kien raha Ingliż f’ħanut ieħor. Dwar dan huwa kien ċempel lill-Pulizija. Huwa qal ukoll li kien jaf lill-appelalt di vista u li qatt ma kien resaq lejn il-klabb. Lanqas lejlet is-serqa ma kien fil-klabb lanqas biex iċempel. U jekk qatt ma resaq ‘l hemm anqas u anqas ma kien ser idaħħlu wara l-bar. (fol 33).

PS 325 Patrick Bonnici ppreżenta rapport ta’ serqa li kien daħallu minn sid it-Tottenham Supporters Club. Huwa rrefera wkoll għat-telefonata anonima li kienet għarrfithom li kien l-appellat li seraq lit-Tottenham Supporters Club.

Xehed ukoll is-Sur Julian Bonello li qal li xi ħadd kien offrielu għall-bejgħ tliet lighters bl-arma tat-Tottenham Hotspurs fuqhom u hu kien tah sigaretti flokhom. Tnejn kien biegħhom u wħda ta lill-Pulizija. It-tliet lighters ma kinux xi ħaġa ta’ valur kbir.

Xehed Dr Stefano Filletti li kien maħtur bħala espert matul l-inkjesta. Huwa qal li l-ħsara ma teċċedix il-Lm500 iżda teċċedi żgur il-Lm50.

Għad-difiża (barra l-kontro-eżami msemmi aktar il fuq) xehed ukoll PS 36 Sergio Azzopardi li kkonferma li l-fingr print kien elevat miknn fuq il-kaxxa tal-metall li kienet

wara l-bar. Huwa qal li cash register huwa oġġett li tintmiss ħafna u għalhekk huwa jdurha tal-anqas.

L-imputat-appelalt  xehed fis-6 t'Ottubru 2009. Huwa qal li lejlet is-serqa huwa kien daħal fil-klabb biex iċempel lill-ħabaib tiegħu li ismu ma setax jgħidu għax dik it-telefonata saret fuq il-problema tad-droga.

L-appellat qal ukoll li l-fingerprints instabu fuq il-kaxxa għax kien ta l-flus lil tal-ħanut biex isarraflu.  Din kien tefagħhielu fuq il-kaxxa.  (fol 90).

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien leħħaq għax tela' fuq il-banketta u imbagħad poġġa l-lira fuq il-kaxxa.

Xehed ukoll Joseph Camilleri li qal li ġieli kienu jidħlu fil-Klabb biex iċemplu.  U katar 'l isfel qal:
'Jien kont nidħol inċempel.  Ma nafx issa jekk qatt daħal iċempel waħdu.

Difiża: Meta kien miegħek ġieli daħal iċempel?
Xhud: Le qatt ma daħal beix iċempel.'

U fil-kontro-eżami:

Pros: Louis Mallia ġieli ċempel fil-kumpanija tiegħek?

Xhud: Minn hemm hekk?

Xhud: Minn hemmhekk le ma nafx li ċempel.'  (fol 102).

Fid-29 t'Ottubru 2010 xehdet Josephine Farrugia.  Din qalet ma ftakretx il-każ tas-serqa mill-klabb tal-Hotspurs.

Ikkonsidrat

L-ewwel konsidrazzjonijiet huwa dwar l-istqarrija.  Il-fatt li stqarrija ma tkunx iffirmata ma jfissirx li ma tistax tittieħed bħala prova ta' dak li jkun qal xi ħadd lil ħadd ieħor kemm Pulizija kif ukoll jekk mhux pulizija.  Dan il-punt legali joħroġ mill-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-tieni punt huwa dwar l-istqarrijiet magħmula mill-appellat. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali ngħatat fid-19 ta' Settembru 2011. Minn dak in-nhar il-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza 'Charles Steven Muscat vs L-Avukat Ġenerali' u biddlet il-pożizzjoni minn kif tidher fis-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti.

Iżda barra minn hekk, f'dan il-proċess l-appellat kkonferma bil-ġurament dak li hemm fi stqarrija minnhom u għalhekk, meta qiegħed jixhed quddiem il-Qorti, huwa m'għadux fil-poter tal-Pulizija u għalhekk m'għadx hemm kwistjonijiet dwar 'self incrimination' qabel jibda l-proċess.

Għal dawn ir-raġunijiet dawn l-istqarrijiet huma ammissibbli.

Iżda l-istqarrijiet fihom infushom ma jwasslux biex juru l-ħtija jew le tal-appellat-imputat.

Min-naħa l-oħra ma hemm ebda dubju li l-fingerprint li nstabet fuq il-kaxxa wara l-bank tal-bar kienet dik tal-appellat imputat.

L-ewwel Onorabbli Qorti straħet fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Mejju 1998 fejn intqal li jekk l-fingerprint tkun **f'post pubbliku**, din tinneċessita korroborazzjoni.

Iżda f'dan il-każ il-fingerprint ma nstabtix f'post pubbliku iżda wara l-bank tal-ħanut. Mhux soltu li sidien tal-ħwienet jagħtu ċans lill-klijenti li jidħlulhom wara l-bank u dan għax jafu li f'dik il-parti jkun hemm il-flus. Bħalma qal sid il-Klabb stess ma kienx ser jittollera persuna li qatt ma kienet dehret lejn il-klabb li jidħollu wara l-bank. Il-Qorti hawn ser taħgmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Settembru 2008 'Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg'. F'din is-sentenza nsibu l-bran segwenti:

'Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"**

[28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* għandha tkun suffiċjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux neċessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova waħidha għandha twassal għall-ħtija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet għamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bħal ħwienet, knejjes, ċinematografi, ħwienet tax-xorb, diskoteki, ecc., li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward
:-

"Kienet tkun ħaġa ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jiġi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien daħal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien daħallu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints waħedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib ħtija."

**BLACKSTONES** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jgħid testwalment hekk :-

"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."

Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-
"A person may be identified by fingerprints alone" : **R. v Castleton** , 3 Cr. App. R 74 CCA".L-istess gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha**"Il-Pulizija vs. Emanuel Camilleri"** [30.06.1998] li :-

*"hemm każijiet fejn il-prova tal-fingerprints waħidha tkun biżżejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-ħtija tal-akkuża."*

Ikkonsidrat;

Illi kif jissottometti l-appellant ma hemm ebda prova oħra kontra l-appellant ħlief il-marka tal-pala tal-id fuq il-bieb ta' barra tal-ġenb sgassat.

Mill-banda l-ohra lanqas hu korrett l-appellant meta jgħid fir-rikors tal-appell li : *"Fi kliem semplici irid ikun hemmaktar minn prova ċirkostanzjali waħda."* Prova indizjarja waħda, jekk tkun univoka w ma tagħti lok għall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.

Ikkonsidrat;

Fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti, konsapevoli mill-fatt li dan il-bieb laterali ma kienx jintuza mill-klienti u li biex jintuza mill-istaff kienet trid tingieb ic-cavetta minnghand xi wiehed mis-sidien, ħasset li l-impronta tal-pala tal-id tal-appellant proprju fuq dan il-bieb li gie sgassat biex saret is-serqa, kienet prova determinanti u univoka biżżejjed biex torbot lill-appellant mas-serqa bi sgass li saret.

Omissis

F' dan is-sens l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi li l-marka tal-pala ta' id l-appellant fuq il-bieb sgassat kienet prova li torbtu mas-serqa għax anki jekk stess kien imur f'dak l-istabbiliment, qatt ma suppost kellu kuntatt ma' dak il-bieb partikolari u ma kienx lanqas probabbli li hu jħalli l-marka tiegħu proprju fuq dak il-bieb innoċentement jew b'kumbinazzjoni.'

Din il-Qorti ser tippreċiża punt dwar il-korroborazzjoni. Il-Liġi tagħna tindika meta jkun hemm bżonn ta' korroborazzjoni. Dan tagħmlu fl-artikolu 639(1)(2)(3) tal-Kap 9. Sa hemm tasal il-liġi tagħna. Imkien ma tgħid li fingerprint trid tkun korroborata. Aktar milli korroborazzjoni, li jinħtieġ hu, li l-Qorti li tkun qed tippresiedi tuża s-sens komun u tara jekk finger print torbotx lill-imputat jew le kif inhu indikat fl-awturi Ingliżi ċitati aktar 'il fuq. **Mill-bqija ma hemm ebda esiġenza legali oħra kemm jekk il-fingerprint qegħda f'post**

**pubbliku kif ukoll f'post privat. U l-każistika Maltija hija f'dan is-sens ukoll.**

Issa jekk wieħed irid iżomm din id-distinzjoni – li qed jingħad għal darb'oħra mhix sostnuta bil-liġi jew bil-każistika - Fil-każ odjern huwa tassew li l-post kien ħanut jew klabb iżda fejn instabet żgur li ma kinitx parti miftuħa għall-pubbliku.

Fuq dan biss kien biżżejjed biex l-appellat-imputat jinstab ħati tal-ewwel żewġ reati addebitati lilu.

Iżda l-Qorti qieset ukoll dak li xehed xhud tad-difiża stess Joseph Camilleri li qal ċar u tond li l-appellat imputat qatt ma ċempel mill-klabb fil-preżenza tiegħu u dan wara li l-appellat kien semmieh bħal persuna li akkumpanjatu dak in-nhar tas-serqa beix imorru jċemplu.

Fl-aħħarnett il-Qorti eżaminat ukoll x'qal l-appellat imputat. Il-Qorti bl-ebda mod ma ssib kredibbli lid an kellu jitla' fuq il-banketta biex jitlaq lira Maltija fuq il-kaxxa ħalli sid il-ħanut isarrifhielu.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti am sabet ebda prova tar-reċidiva.

Għalhekk, il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fid-19 ta' Settembru 2011 billi qed tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbi Qorti lliberatu mill-addebitu tar-reċidiva iżda qed tirrevokaha fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni u minflok, wara li rat l-artikoli 17(h), 325(1)(ċ), 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 279(a), 280(2) qed issibu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni qed tqisha bħala mezz għall-fini u, wara li rat il-fedina penali tal-appellant u kkonsidrat it-trapass taż-żmien, qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' tnax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------